## IL-KEWKBA TA' FL-GHAXIJA

*Ja Kewkba ta' fl-għaxija, id-dehra tiegħek*
*tiġbor l-agħsafar, tiġbor il-merħliet,*
*u ġġagħal lill-bidwi jżarma s-sienja w jerġa'*
*qajl lejn id-dar bil-barri w bil-moħriet.*

*Ja Kewkba ta' fl-għaxija, d-dehra tiegħek*
*lis-sajjied tibgħat barra bil-lampara,*
*toħroġ lill-friefet ta' bil-lejl mill-bejta,*
*tibgħat lill-kokka mal-firien tissara.*

*Ja lampa ta' bil-lejl, jalla ż-żejt tiegħek*
*li qatt ma nhela mindu dhert fis-sema,*
*jissokta jnemnem ta' kull jum u jdawwal*
*lil dawk li jishru biex il-ħobż jinħema.*

## TLIET EPIGRAMMI

### V I V I'

*Vivì xtaqet tiżżewweġ u bdiet timraħ,*
*u tiġri 'l hawn u 'l hemm daqs l-aqwa debba;*
*fil-għatx li kellha li tiżżewweġ wieħed*
*iżżewġet ma' kulħadd u baqgħet xebba.*

### F I D I L

*Ġanni jiekol u jixrob, qatt ma jaħdem,*
*u għandu ħaġa sew: qatt m'hu kurjus:*
*jagħmel lussu kemm trid il-mara tiegħu,*
*qatt ma staqsieha mnejn iġġib il-flus.*

### M O H H H A   M I S T R I E H

*Rieqda daqs bumarin, u biex tqajjimha*
*kanun trid tisparalha jew sajjetta;*
*moħħha mistrieħ: qabel ma marru l-ballu*
*uliedha t-tliet xebbiet hadu ċ-ċavetta.*

A. BUTTIGIEG.